# Tislima lil Patri Liberat Cini O.S.A.

*Edward Camilleri*



Dan is-saċerdot miet fl-età ta' 88 sena fid-Dar tal-Kleru fejn kien rikoverat dan l-aħħar. Patri Liberat Cini miet fl-10 ta' April 2011 wara li ħadem ħafna fil-missjoni tal-patrijiet ta' Santu Wistin fit-Tuneżija u wara fl-Alġerija. Qegħdin noqorbu lejn il-festa tal-Vitorja tas-sena 2011. Jixraq li nsemmu xi ħaġa bħala tifkira ta' dan il-patri Mellieħi li ħadem kemm felaħ fl-għalqa li l-Mulej afdalu f'idejh. Patri Cini kien fl-Ordni ta' Santu Wistin. Kif juri ismu daħal mal-patrijiet ta' Santu Wistin wara li tawh permess jitlaq minn suldat fejn kien inġabar bil-lieva u wara tant taħbit ġie meħlus (liberat).

Bħala suldat kien stazzjonat San Ġiljan. Viċin kien hemm knisja u kunvent tal-patrijiet ta' Santu Wistin. Ġanni Cini sar ħabib tagħhom. Filgħodu kien imur jisma' l-quddies u sar ħabib mal-patrijiet. Ġietu l-vokazzjoni u daħal mal-patrijiet Agostinjani u għamel reliġjuż u 62 bħala saċerdot Agostinjan. Fl-ewwel snin wara li qaddes, ħadem man-novizzi u fil-Kunvent ta' Ħal Tarxien u fil-Kunvent ta' Għawdex. Patri Liberat kien saċerdot ħabrieki u kull fejn mar, għamel il-ġid sew f'Malta u anke barra minn Malta. Il-Każin Imperial għandu rabtiet ma' dan il-patri. Oħt il-patri kien jisimha Vitora u tnejn min-neputijiet tagħha, Anthony u Josef għandhom karigi importanti fil-każin għax wieħed hu s-Surmast Direttur tal-banda u l-ieħor is-Segretarju tas-Soċjetà Imperial. It-tnejn jaħdmu għall-każin u mixjin fuq il-passi ta' missierhom li baqa' sal-aħħar ta' ħajtu jaħdem għall-ġid tal-każin.



Irrid ngħid biss li l-familja Cini offriet ħafna għall-ġid tal-każin Imperial. Hemm bandisti, membri fil-Kor u membri attivi oħra. Patri Liberat ma għadux magħna imma jixraq li niftakru fih għall-ġid li għamel fil-Mellieħa, fit-Tuneżija, fl-Alġerija u kull fejn mar biex jaqdi l-missjoni tiegħu. Kien jistaqsini biss jekk il-baned għadhomx jikbru u jissaħħu. Kien jieħu pjaċir jisma' li l-baned Mellieħin sejrin 'il quddiem. Kien jifraħ bil-ġid u l-progress li jsir f'raħal twelidu.

Ser ngħid xi ħaġa fuq wieħed mix-xogħlijiet li għamel fl-aħħar snin ta' ħajtu. Fl-aħħar snin kien iħossu għajjien imma xorta kien iħoss li jista' jagħmel xi ħaġa biex jgħallem u jagħmel il-ġid lill-oħrajn. Mela kien jistieden gruppi ta' studenti biex jiltaqgħu miegħu fil-knisja ta' Santu Wistin. Kien ikellimhom fuq Santu Wistin u jurihom pittura li turi dan il-qaddis li kien intelliġenti ħafna.

Patri Liberat, li kellu kultura kbira ħafna, kien jieħu pjaċir jaqsam ma' dawn l-istudenti t-tagħlim tiegħu, jgħallem l-istorja ta' art twelidhom, jurihom l-għerf li kellu Santu Wistin u fl-istess ħin jurihom min kien dan il-qaddis li kien dawl ġdid li għamel ġid lil Kristjaneżmu. Santu Wistin, għall-Insara, kien nixxiegħa ta' għerf imma fl-istess ħin kien ta' eżempju lejn art twelidu. Lil Patri Liberat il-Mulej Alla żejjnu b'ħafna talenti. Dawn ma żammhomx għalih imma qasamhom ma' ħaddieħor, qasamhom ma' ħutu l-Insara u ma' ħutu l-Misilmin ukoll. Kien eżempju ta' mħabba kull fejn kien. Jalla aħna lkoll nitkarkru mill-eżempju tiegħu fil-ħajja ta' kuljum! Ammen.